

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/553

tad-29 ta' Marzu 2021

**li tagħti derogi lill-Greċċa, lil Spanja u lil Malta fir-rigward tal-provvediment tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija**

(notifikata bid-dokument C(2021) 1937)

(It-testi bl-Ingliż, bil-Grieg, bil-Malti u bl-Ispanjol biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2002 dwar l-istatistika tal-enerġija (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146 (²) ježi li l-Istati Membri jittrażmettu statistika annwali aktar diżaggregata dwar il-konsum finali tal-enerġija fl-industrija.
- (2) Greċċa, Spanja u Malta talbu derogi minn dak ir-rekwiżit għal ċerti diżaggregazzjonijiet u snin ta' referenza, peress li jkollhom bżonn jimmodifikaw il-metodi tal-ġbir tad-data tagħħom, jiżviluppaw studji u metodoloġiji ġodda, u jsibu sorsi amministrattivi ġodda. Abbażi tal-informazzjoni li pprovdex lill-Kummissjoni, jidher li t-talbiet huma ġġustifikati, peress li l-ġbir ta' tali statistika jwassal għal piż eċċessiv fuq ir-rispondenti f'dawk l-Istati Membri.
- (3) Jenħtieġ li d-derogi mitluba jingħataw lill-Greċċa, lil Spanja u lil Malta.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-İstatistika stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³),

(¹) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146 tas-26 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, l-istatistika ta' kull xahar u l-istatistika ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 43).

(³) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-İstatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-İstatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-İstatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Id-derogi stabbiliti fl-Anness jingħataw lill-Istati Membri elenktati fi.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja u lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*

Paolo GENTILONI

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

**Derogi mir-Regolament (KE) Nru 1099/2008****Stat Membru: Il-Greċja**

Anness A Paragrafu (li jidentifika l-prodott ikkonċernat)	Anness B Paragrafu (li jidentifika l-industrija kkonċernata)	Perjodu tad-deroga	Kopertura tad-deroga
3.2, 3.1.13 3.4	7.1.1.1.1, 7.1.1.1.2, 7.1.1.1.3 7.1.1.2.1, 7.1.1.2.2, 7.1.1.2.3 7.1.1.5.1, 7.1.1.5.1.1, 7.1.1.5.1.2, 7.1.1.5.2 7.1.1.6.1, 7.1.1.6.2 7.1.1.7.1, 7.1.1.7.2, 7.1.1.7.3 7.1.1.9.1, 7.1.1.9.2 7.1.1.10.1, 7.1.1.10.2, 7.1.1.10.3, 7.1.1.10.4 7.1.1.12.1, 7.1.1.12.2, 7.1.1.12.3	Sena	Trażmissjoni tal-elementi kollha tal-konsum finali dettaljat tal-enerġija fl-industrija għall-gass u għall-prodotti taż-żejt u tal-petroleum.
3.5 (ghajjr 3.5.8.1 u 3.5.8.2)	7.1.1.1.1, 7.1.1.1.2, 7.1.1.1.3 7.1.1.2.1, 7.1.1.2.2, 7.1.1.2.3 7.1.1.5.1, 7.1.1.5.1.1, 7.1.1.5.1.2, 7.1.1.5.2 7.1.1.6.1, 7.1.1.6.2 7.1.1.7.1, 7.1.1.7.2, 7.1.1.7.3 7.1.1.9.1, 7.1.1.9.2 7.1.1.10.1, 7.1.1.10.2, 7.1.1.10.3, 7.1.1.10.4 7.1.1.12.1, 7.1.1.12.2, 7.1.1.12.3	Sentejn	Trażmissjoni tal-elementi kollha tal-konsum finali dettaljat tal-enerġija fl-industrija għall-enerġija rinnovabbli u l-iskart, għajr il-bijofjuwils solidi u l-bijogassijiet.
3.3.1	7.1.1.5.1.1, 7.1.1.5.1.2	Tliet snin	Trażmissjoni ta' elementi ta' "Manifattura ta' polpa" u "Karta u prodotti tal-karta oħrajn" għall-elettriċċu

**Stat Membru: Spanja**

Anness A Paragrafu (li jidentifika l-prodott ikkonċernat)	Anness B Paragrafu (li jidentifika l-industrija kkonċernata)	Perjodu tad-deroga	Kopertura tad-deroga
3	7.1.1.1.1, 7.1.1.1.2, 7.1.1.1.3 7.1.1.2.1, 7.1.1.2.2, 7.1.1.2.3 7.1.1.5.1, 7.1.1.5.1.1, 7.1.1.5.1.2, 7.1.1.5.2 7.1.1.6.1, 7.1.1.6.2 7.1.1.7.1, 7.1.1.7.2, 7.1.1.7.3 7.1.1.9.1, 7.1.1.9.2 7.1.1.10.1, 7.1.1.10.2, 7.1.1.10.3, 7.1.1.10.4 7.1.1.12.1, 7.1.1.12.2, 7.1.1.12.3	Sentejn	Trażmissjoni tal-elementi kollha tal-konsum finali dettaljat tal-enerġija fl-industrija għall-fjuwils kollha.

Stat Membru: **Malta**

Anness A Paragrafu (li jidentifika l-prodott ikkonċernat)	Anness B Paragrafu (li jidentifika l-industrija kkonċernata)	Perjodu tad-deroga	Kopertura tad-deroga
3.3.1	7.1.1.9.1, 7.1.1.9.2	Sena	Trażmissjoni ta' elementi ta' "Produzzjoni tal-aluminju" u "Industriji oħra tal-metall mhux ferruż" għall-elettriku.
3.4	7.1.1.12.1, 7.1.1.12.2, 7.1.1.12.3	Tliet snin	Trażmissjoni ta' elementi ta' "Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik", "Manifattura tal-għamara" u "Manifattura oħra" għall-prodotti taż-żejt u tal-petroleum.